**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com   TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt   FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 15-13

**Data: 8 ta' Novembru** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas.

Il-Kunsillier Vince Bongailas semma li ghandu bzonn jitlaq kmieni minhabba impenji personali. Minhabba f'hekk il-Kunsill iddecieda li jiddiskuti l-item Jum il-Kalkara qabel il-punti mqajjma mill-Minuti.

Ghas-seduta gie is-Sur Carl Mifsud iz-zghazugh li nhatar Ambaxxatur tal-Vot16 sabiex jigi pprezentat lill-Kunsill. Wara introduzzjoni mis-Sindku, huwa gie mgharraf x'ser ikun ir-rwol tieghu fil-Kunsill Lokali u gie mistieden ghas-seduta li jmiss sabiex anke jiehu ritratt mal-Kunsill Lokali.

2. **Jum il-Kalkara**

Jum il-Premjazzjoni ser issir nhar l-10 ta' Dicembru fis-6.00 ta' filghaxija u il-Kuncert Muzikali ser isir is-Sibt 14 ta' Dicembru fis-7.00 ta' filghaxija.

Il-Kunsilliera Maria Sultana semmiet li l-arrangamenti mal-iskola ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara huma kif gej: Fl-10 ta' Dicembru fid-09.00 ta' filghodu it-tfal ikollhom il-quddiesa tal-okkazjoni fil-Knisja Parrokjali. Wara l-quddiesa titla l-bandiera mal-arblu tal-Kunsill f'Misrah Arcisqof Gonzi. Il-Klassijiet 2 u 3 ghad ma giex deciz fejn ser izuru, klassi 4 ser izuru Forti

Rinella, Klassi 5 ser izuru il-Kalkara Boatyard u il-Kunvent tal-Kapuccini u il-Klassi 6 ser izuru Heritage Malta Bighi u il-Kalkara Boatyard. It-tfal tal-Kinder 1 u 2 u Klassi 1 ser imorru il-ground tal-football nhar il-11 ta' Dicembru u jiehdu sehem fi Sports Day.

Is-Sindku, is-Sinjura Speranza Chircop qalet li kull kunsillier ghandu jghaddi lista ta' kull persuna li attendiet xi kors organizzat mill-Kunsill Lokali. Hija qalet li sabiex tipprezenta is-serata hija avvicinat lis-Sinjura Josette Deguara, pero din tal-ahhar irringrazzjat lill-Kunsill tal-interess pero b'dispjacir hija qalet li m'hijiex certa jekk dak inhar tkunx tista tattendi. Minhabba f'hekk il-Kunsill iddecieda li tinstab persuna ohra. Il-Kunsillier Vince Bongailas ippropona lil Ms Romina Schembri li gieli hadet sehem fi prezentazzjonijiet simili. Il-Kunsill qabel mal-proposta tieghu. Il-prezentaturi ghall-Kuncert Muzikali ser ikunu is-sinjura Sharon Cassar Debarro u is-Sur Deo Grech. Inhatar ic-Cerimonier is-Sur Mario Gauci fuq approvazzjoni unanima.

Is-Sur Paul Bongailas ippropona li tigi ppremjata l-aktar persuna li qrat kotba matul is-sena, tifel jew tifla u adult jew adulta. Bhas-snin l-imghoddija jigu ppremjati it-tfal li spiccaw l-ahhar klassi tal-iskola Primarja Kalkara u dawk li ghamlu l-kors tal-Ingliz ghall-adulti.

Din is-sena jergghu jigu rikonoxxuti dawk li ggradwaw matul is-sena 2013. L-avviz ghandu jintbghat f'kull dar kif ukoll fuq is-sit tal-facebook tal-Kunsill Lokali Kalkara. L-iggradwati jigu rikonoxxuti bi ktieb ghalhekk ghandhom jinxtraw kotba specifikament ghal dan il-ghan. Is-Sindku qalet li ghall-okkazjoni isiru iz-zjarat lill-Anzjani rikoverati fid-djar.

Il-Kunsill qabel li kemm ghal Jum il-Premjazzjoni kif ukoll ghall-Kuncert Muzikali ser ikun hemm bibita zghira ghall-okkazjoni.

Il-Kunsillier Vince Bongailas gie skuzat mis-seduta fis-6.00 ta' filghaxija.

Il-Kunsillier Paul Bongailas qal li l-Kappillan u c-cerimonier ghandhom jigi mfakkra bl-arrangamenti tal-quddiesa tal-okkazjoni.

Il-Kunsill approva li jsir ir-recording tal-Kuncert u l-fuljett bil-programm tal-okkazjoni.

Gie diskuss dwar min se jinghata gieh il-Kalkara. Is-Sindku pproponiet li jinghata gieh il-Kalkara lis-Sur Charles Flores bhala Kalkariz, gurnalist u ricerkatur. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

Il-Kunsillier Paul Bongailas ppropona li l-unur lill-Kalkara jinghata lill-Kor Parrokkjali tal-Kalkara li telgha l-Ingilterra fuq stedina mill-Ambaxxata Maltija fl-okkazjoni ta' Jum Malta. Il-Kunsilliera Maria Sultana qablet mal-proposta tal-Kunsillier Paul Bongailas u qalet li kienet hi li giet bl-idea mal-Ambaxxata Maltija fl-Ingilterra.

**3. <u>Punti Mqajjma mill-Minuti.</u>**

3.1 Dwar punt nru 2.1 mill-minuti precedenti – Is-Sindku qalet li s-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Villa tal-Ammirall ser isiru fiz-zmien li gej.

3.2 Dwar punt nru 2.2 mill-minuti precedenti – Is-Sindku qalet li x-xibka ghandha ssir fiz-zmien li gej.

3.3 Dwar punt numru 2.4 mill-minuti precedenti mressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li il-pjanti li tpoggew fil-pots tat-tarag San Guzepp mietu. Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet x'ser isir minn dawn il-pots, jekk hux ser jergghu jithawwlu l-godda u jissaqqew jew ma jsir xejn. Is-Sindku qalet li dawn ser jergghu jinzerghu u jissaqqew.

3.4 Dwar punt 2.5 mill-minuti precedenti dwar il-kompetizzjoni ghat-tfal, il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ser tiehu hsieb li din il-kompetizzjoni issir ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara u tigi ppremjata f'Jum il-Premjazzjoni.

3.5 Dwar punt 2.6 mill-minuti precedenti dwar ir- restawr fuq il-monument tas-salib fit-traffic island ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll fuq il-lapida li hemm fl-isqaq Marina Nru 2. Is-Sindku qalet li marret fuq il-post flimkien mal-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Dawn qed jghidu li s-salib mhuwiex qieghed fuq il-post. Dwar il-monument huma qalu li dan huwa wisq modern biex jigi restawrat. Dwar il-lapida din tista tigi restawrata minn Artist li jahdem il-bronz.

3.6 Dwar punt nru 2.7 mill-minuti precedenti il-laqgha mas-Sur Mark Causon thassret minhabba li l-lista tal-progetti mill-UE ghadha ma gietx publikata.

3.7 Dwar punt nru 2.9 mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li l-ittra ghad trid tintbghat lid-Direttur tal-Edukazzjoni.

3.8 Dwar il-punt 2.12 tal-minuti precedenti is-Sindku qalet li is-sinjali ta' mal-art fejn il-Klabb tat-tennis ghandhom isiru il-gimgha li gejja.

3.9 Dwar punt 2.13 tal-minuti precedenti dwar it-tnehhija ta' skips minn diversi toroq, il-Kunsilliera Maria Sultana talbet bil-kitba minn liema regolament tal-Unjoni Ewropea harget il-frazi li ghandhom jitnehhew l-iskips. Is-Sindku qalet li ser tghaddi din l-informazzjoni l-informazzjoni fis-seduta li jmiss.

3.10 Dwar punt 3 tal-minuti precedenti dwar il-laqgha mal-Perit tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura, mal-Kap tal-Iskola Primarja u mal-Principal tal-Kullegg Santa Margerita dwar il-progett tac-Centru Civiku, is-Sindku qalet li l-minuti ghandhom jintbghatu lill-Kunsilliera bl-email ghall-informazzjoni taghhom.

3.11 Dwar punt 3.1 tal-minuti precedenti is-Sindku qalet li hija bghatet email lid-Direttur tal-MCAST Maritime Institute ta' Villa Portelli fejn talbitu biex inehhi is-sigar tal-lakacja li ghandhom fil-prorpjeta taghhom minhabba diversi lmenti li qed ikollhom mir-residenti tal-

madwar.

3.12 Dwar punt 4.1 tal-minuti precedenti is-Sindku qalet li l-attivita tal-Halloween saret u kienet success.
3.13 Dwar punt 4.6 tal-minuti precedenti il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li fil-fuljett ghandha titnizzel l-attivita tal-iStory Telling ghat-tfal tal-Kinder u Year 1 u li ghal dawn is-sezzjonijiet it-tfal jigu akkumpanjati minn Adult. Dawn isiru fil-librerija pubblika. Jibdew nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2013 u mqassma fuq erba' gimghat.

3.14 Dwar punt 5.1 tal-minuti precedenti, il-punt imqajjem mill-Vici Sindku Chris Bruno dwar l-Stop Sign fi Triq Giovanni Ricasoli din ghandha ssir fiz-zmien li gej.

3.15 Dwar punt 5.2a tal-minuti precedenti, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-hasil taht u madwar l-iskips, is-Sindku qalet li ingibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur u sahansitra gie nnutat li anke qieghed jigi kkontrollat ahjar l-ammont ta' boroz li qed jintremew fejn l-iskips.

3.16 Dwar punt numru 5.2b, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-bankina fejn iz-zebra cross tax-Xatt, is-Sindku qalet li din ser issir fiz-zmien li gej.

3.17 Dwar punt numru 5.2c, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-manutenzjoni tal-art fil-bandli, is-Sindku qalet li din ser issir fiz-zmien li gej.

3.18 Dwar punt numru 5.2d, il-punt imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar xi bozoz mitfija, is-Sindku qalet li dawn ser jerghu jintbghatu bhal ma gie diskuss u anke issir il-pressjoni necessarja fuq min hu responsabbli.

3.19 Dwar punt numru 5.4c, il-punt imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar is-sleeping policeman fejn Block A RHE, is- Sindku qalet li l-kuntrattur ser jaghmilha fiz-zmien li gej.

3.20 Dwar punt numru 5.4d, il-punt imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar ir-riha tossika mit-tank cleaning farm f'Bighi, is-Sindku qalet li sar ir-rapport lill-MEPA.

3.21 Dwar punt numru 5.4e, il-punt imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar il-laqgha mitluba minnu mac-Chairman tal-MCST u l-Kappillan il-gdid, is-Sindku qalet li din ghandha ssir fiz-zmien li gej.

3.22 Dwar punt numru 7.1, dwar il-mixja ghal dawk li qed ibghatu bil-marda tal-Leudroskophy, qed tigi posposta ghall-10 ta' Novembru 2013.

3.23 Dwar punt numru 7.5, dwar is-sinjali tal-parkegg ghall-muturi fi Triq il-Kapuccini, is-Sindku qalet li dawn ser isiru fiz-zmien li gej.

3.24 Dwar punt numru 7.7, dwar it-talba tat-tellieqa tad-dghajjes bil-mutur fil-Bajja ta' Rnella, is-Sindku qalet li ghad trid tintbghat in-no objection tal-Kunsill.

4. **Komunikat mis-Sindku**

Saret talba minn sidien tal-garaxxijiet fi Triq is-Sibi li qed jitolbu li l-Kunsill jirrangalhom ir-rampa tal-garage. Il-Kunsill qal li din tigi diskussa fis-seduta li jmiss wara li tigi kkonfermata jekk din hix possibli li ssir.

Il-Kunsillier Paul Bongailas gie skuzat mis-seduta fit-8.00 ta' filghaxija minhabba mpenji ohra.

5. **Korrispondenza**

5.1 Memo 25/2013 –Skema ghall-attivitajiet kulturali.

Is-Sindku, is-sinjura Speranza Chircop pproponiet li ssir applikazzjoni ghall-attivita tal-Halloween.

Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li ssir applikazzjoni ghall-attivita tal-Karnivall.

Il-Vici Sindku ippropona li ssir applikazzjoni ghall-attivita tal-gelat.

Il-Kunsill iddecieda li jibghat it-tlett applikazzjonijiet umbghad ikun id-dipartiment li jiddeciedi liema tkun eligibbli.

5.2 Talba ghal-lampa fi Triq San Leonardu – Il-Kunsill qabel li jsir il-process necessarju.

5.3 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ircieva ittra mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura fejn qed jigi propost li jsir refurbishment ghall-latrina tax-Xewkija. L-arrangamenti isiru bejn il-Ministeru u l-Kunsill. Is-Sindku qalet li aktar dettalji jintbghatu fiz-zmien li gej, b'hekk il-Kunsill ikun jista jiddiskuti din il-proposta.

6. **Approvazzjoni ta' xogholijiet**

Is-Sindku qalet li ser isir ix-xoghol mal-hajt tar-Rinella Housing Estate bil-haddiema tal-IPSL u il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li ssir anke l-bankina taht l-istess hajt.

Is-Sindku qalet ukoll sabiex issir il-manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq is-Sienja kantuniera ma Triq Patri Mattew Sultana.

7. **Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Giet approvata l-iskeda ta' pagamenti bin-numru 09.13u 10.13.

**8. Vakanza tal-Ufficjal Skala 13**

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill id-dettalji dwar l-intervisti li saru ma dawk il-persuni li kienu eligibbli mill-lista mibghuta mill-ETC. Minn tlett persuni li attendew ghall-intervista ma nstab hadt tajjeb ghall-vakanza. B'hekk issa jerga jsir kuntatt mal-ETC ghall-kontinwazzjoni tal-process.

9. **Aggornament**

Is-Seduta ntemmet fid-21.00 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop<br>Sindku | Sharon Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv |